MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 896/2002/1

**Carmel Calleja**

**vs**

**Aldo Spiteri**

It-Tribunal

Ra l-avviz li jghid li l-ammont mitlub jirraprezental-valur ta' hsarat kagonali fil-vettura propjeta tal-attur tal-ghamla Audi 80 numru ta' registrazzjoni TFA 421 fl-incident stradali li sehh nhar l-1 ta' Marzu tas-sena 2002 gewwa Triq Regjonali Gzira ghal liema acident inti kont unikament responsabbli.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ra r-rispostali tghid li t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandh atigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi l-incident *de quo* sehh minghajr ebda htija da parti tal-istess konvenut, izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tt-traffiku da parti tal-attur, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna habta klassika wara hrug minn traffic lights ghal roundabout. Nuqqas ta' hsieb u imprudenza fil-mument tal-ghagla fil-hrug. F' dak il-mument partikolari u propizju, ikun hemm diversi vettrui li jkun qed jimmanuvraw fid-dawra fuq ir-roundabout. Huwa ferm difficli biex il-gudikant jattribwixxi responsabbilta unika ghal parti. Sia fuq bilanc ta' probabilta u sia fuq dik ta' ekwita', jirrizulta li iz-zewg sewwieqa ghandhom responsabbilta ugwali ghall-incident. Meta gew biex jaccedu ghal roundabout, it-tnejn li huma naqsu li jaghtu mhux dritta izda spazju bizzejjed biex isuqu fih. L-ghaggla ma taghmel gid lil hadd- il-kaz odjern.

Relattivament ghal kap tad-danni, id-danni proprio jammontaw ghal mitejn Lira erbgha u sittin Lira Maltin (Lm264) id-differenza ta' sitta u tletin Lira Maltin (Lm36) hija spiza li ma ghandhu jikkontribwixxi l-konvenut. Peress li mhux kontestati, allura huwa dovut l-ammont ta' mija u sebgha u tletin Lira Maltin (Lm137).

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fil-waqt li jiddikjara liz-zewg partijiet ugwalment responsabbli ghall-incident 'de quo' tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija sebgha u tletin Lira Maltin (Lm137) in linea ta' danni.

l-ispejjes jithallsu ugwalment bin-nofs bejn il-partijiet.

AVV. JOSEPH P. BONNICI LL.D.
Gudikatur